Il-ġimgħa li għaddiet seħħet xi ħaġa inkredibbli: Kif inhu possibbli li f'dawn iż-żminijiet iktar minn miljun żagħżugħ u żagħżugħa jiltaqgħu flimkien bħala Knisja? X'kellha xi tgħid il-Knisja lil dawn? U x'għandhom dawn iż-żgħażagħ biex joħorġu jgħajtu u jkantaw fit-toroq ta' Ruma flimkien mal-Papa, l-isqfijiet, is-saċerdoti, il-patrijiet u s-sorijiet? Għax ma marrux id-disco, jew jixxalaw f'xi kunċert, jew jixorbu u jiskru kif jagħmlu ħafna nies bħalhom?



Kif jista' jkun li dawn iż-żgħażagħ kollha ġabrithom dik l-istess Knisja, li tiġi akkużata li hi ssikkata, antikwata u skaduta? Sibu istituzzjoni waħda li wara 2000 sena ta' stejjer jirnexxilha terġa' tħarrek u tgħaqqad massa daqshekk kbira ta' żgħażagħ. Umanament impossibbli. Sinjal li hemm xi Ħadd li qed iżommha u jmexxiha. M'hemmx spjegazzjoni oħra. Bilfors li hemm Hu li jiġbed tant nies lejH permezz tal-Knisja. Il-qawwa tiegħu tbellahna: fis-skiet tal-adorazzjoni li għalihom inġabru eluf kbar, fil-ħeġġa tat-talb sinċier u l-kant ferrieħi tagħhom, fil-wegħda li għamlu biex ikomplu jfittxu dak li jrid hu f'ħajjithom.



X'ma tħobbhiex il-Knisja taraha tiġbor daż-żgħażagħ hekk! Bih magħha ħadd ma jista' jkissirha; "is-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex" (Mt 16,18). Ejja ngħidulhom liż-żgħażagħ tagħna jmorru l-Knisja għax hemm jistgħu jsibu lil Dak li jista' kollox; Dak li jibdel id-dlam f'dawl u mill-mewt jirxoxta l-ħajja ta' bla tmiem. Le, mingħajru mhux xorta. U mingħajr il-Knisja nispiċċaw induru fil-vojt.

*L-Arċipriet Dun Krystof*

## AVVIŻI:

Infakkru lill-għarajjes, li jixtiequ jiżżewġu biż-Żwieġ Sagrament, li għandhom jibdew il-mixja ta' laqgħat ta' tħejjija minn tal-inqas sentejn qabel il-ġurnata tat-tieġ tagħhom. L-applikazzjonijiet għall-Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani jinkisbu mingħand l-Arċipriet jew mill-uffiċċju parrokkjali bejn Awwissu u Settembru.

**Velja tal-Għid tal-Assunta fis-Santwarju Ta' Pinu**, il-Ħamis 14 ta' Awwissu, mit-8.00pm sal-10.00pm, immexxija mill-Kardinal Mario Grech. Min jixtieq juża t-trasport tal-parroċċa fis-7.15pm, jista' jċempel l-uffiċċju biex jirriserva post.

Nhar il-Ġimgħa 15 t'Awwissu (nhar Santa Marija) iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina ser ikunu miftuħin mis-7.00am sas-7.00pm.

Nhar **it-Tnejn 11 t'Awwissu** ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ser jorganizza ***FLOW#10*** (water games) għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet. L-attività tibda fis-6.00pm u tispiċċa għat-8.30pm. Se jkun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.

---

F'dawn il-ġranet għadu kemm ġie installat apparat ġdid għat-trasmissjoni ta' **Radju Luminaria**, wara li dak li kellna ġarrab ċertu ħsarat li wassluh biex waqaf għalkollox ftit qabel il-festa. Kif konna infurmajniekom, grazzi għal Victor Attard stajna nkomplu x-xandiriet tagħna, sakemm issa nistgħu ngħidu li akkwistajna apparat kompletament ġdid. L-ispiża laħqet is-somma ta' €1,700. U benefattur Naduri ġa offrielna 800 dollaru bħala għajnuna għal dawn l-ispejjeż. Nitolbukom tkunu ġenerużi magħna ħalli nkomplu ntejbu dan is-servizz tant għażiż għalina u għal dawk li ma jistgħux joħorġu minn djarhom.

Għad baqgħalna xi kopji tar-**rivista Luminaria**, inħeġġu lill-emigranti li għadhom fostna biex jieħdu kopja anki lill-familjari u lil ħbiebhom li din is-sena ma setgħux jivvjaġġaw biex ikunu magħna għall-festa.

Is-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù, li qed iservu fil-missjoni tagħhom ġewwa Manila fil-Filippini, jirringrazzjawna u jberkuna tal-ġenerożità kbira li wrejna magħhom il-Ħadd li għadda. Is-somma miġbura kienet ta' €3,320.50. Huma bagħtu jaqsmu l-ferħ tagħhom magħna għax qed ngħinuhom jagħmlu ħafna ġid fost il-foqra li jfittxuhom għas-sapport u l-għajnuna tagħhom, fil-qasam tas-saħħa u fl-edukazzjoni.

## Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am